



# Aħbar Tajba

Eżek 18, 25-28
S 24 (25), 4-5.6-7.8-9
Fil 2, 1-11
Mt 21, 28-32

"Ibni, illum mur aħdem l-għalqa tad-dwieli."
**U dak qallu: "Ma rridx." Iżda mbagħad biddel il-fehma u mar."**

Darba kien hemm missier li l-hena tiegħu kienet li jieħu ħsieb il-ġnien li kellhom wara d-dar. Kellhom ġnien kbir ħafna, b'ħafna pjanti differenti, fjuri u diversi siġar. Imma x'uħud minn dawn is-siġar kienu jwaqqgħu l-weraq u allura, darba fil-ġimgħa kien iqatta' nofstanhar jiġbor il-weraq biex iżommu bħala kompost. Imma darba minnhom il-missier kellu inċident żgħir u weġġa' siequ. It-tabib qallu li kien se jgħaddilu imma kellu jagħmel tliet ġimgħat mingħajr ma jimxi fit-tul, u dan kien ifisser li ma setax joħroġ jieħu ħsieb il-ġnien. Wara ġimgħa, ħares mit-tieqa u ra li l-weraq kien żdied ġmielu u mar fuq it-tifel il-kbir biex jara jistax jieħu ħsieb l-ġnien hu dakinhar. Imma t-tifel mingħajr ma ħasibha darbtejn qallu li kellu x'jagħmel. Kien għadu kif xtara kit ġdid ta' mudell ta' ajruplan u kellu seba' mitt sena biex jgħaqqdu. Issa kien dara jixtri dawn il-mudelli. Kellu ajruplani tal-gwerra, vapuri u saħansitra xini antik. Kemm kien iħobb jiftaħ il-kaxxa u joħroġ il-biċċiet differenti biex jgħaqqadhom! Sadattant missieru dar fuq ħuh li kien quddiem it-TV u staqsa lilu. Dak mingħajr ma refa' għajnejh minn fuq it-TV qallu: "Iva, mela!" Missieru tbissem u bil-mod mexa lejn il-karozza fejn martu kienet qed tistennieh biex imorru għall-appuntament li kellhom għand it-tabib.

Ftit ħin wara, il-kbir irrealizza li l-mudell ma kienx se jieħu wisq ħin biex jgħaqqdu u xħin ra lil ħuh mitluf quddiem it-TV, qatagħha li jmur inaddaf il-ġnien hu. Induna li kien messu ħasibha qabel u lil missieru qallu iva, u allura telaq kollox u beda jnaddaf il-ġnien. Tistgħu timmaġinaw kif baqa' l-missier hekk kif wasal lura d-dar u ra lill-kbir inaddaf il-ġnien.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jirrakkonalna storja simili, imma x'taħsbu li hi t-tagħlima li jixtieq iwassal? It-tagħlima hi li mhux kemm ngħidu li se nagħmlu affarijiet tajba jgħodd, imma dak li fil-fatt nagħmlu. Nistgħu ngħidu li jekk naraw lil xi ħadd fil-bżonn ngħinuh, imma kultant jiġri li meta niltaqgħu ma' xi ħadd fil-bżonn nibqgħu lura u nistennew li jkun hemm xi ħadd ieħor li jmur jgħin. Għalhekk, fil-jiem li ġejjin oqgħod ftit aktar attent għal dawk ta' madwarek; ibda bil-familja tiegħek stess, u ara kif tista' tgħin. Kultant anki affarijiet żgħar jistgħu jfissru ħafna għal dawk qrib tagħna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ĠESÙ, QASSISIN, ŻEWĠ, ULIED, AĦDEM, DWIELI, PUBBLIKANI, SALTNA, ĠWANNI, TRIQ, MIEXI, ĠUSTIZZJA, FEHMA, TAGĦKOM.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | Ġ | U | S | T | I | Z | Z | J | A |
| A | R | R | I | D | X | I | S | M | M |
| P | U | B | B | L | I | K | A | N | I |
| T | A | Ħ | D | E | M | B | L | M | A |
| R | A | GĦ | W | A | IE | F | T | D | L |
| I | T | F | IE | L | X | E | N | U | M |
| Q | M | R | L | J | I | H | A | L | A |
| W | A | R | I | A | L | M | K | U | B |
| Ġ | W | A | N | N | I | A | GĦ | L | Ħ |
| T | A | GĦ | K | O | M | L | L | IE | A |
| P | I | X | X | I | Ġ | N | A | D | I |
| S | Ħ | A | M | Ż | E | W | Ġ | L | O |
| N | A | Q | A | S | S | I | S | I | N |
| Z | Z | R | I | T | Ù | A | R | S | U |

“Ibni, illum mur aħdem
l-għalqa tad-dwieli.”

**U dak qallu: “Ma rridx.”**
**Iżda mbagħad**
**biddel il-fehma u mar.”**



## L-Attijiet il-Qosra



**Mulejja, nemmen fik,**
**kollok verità.**
**Mulejja, nittama fik,**
**kollok ħniena.**
**Mulejja, inħobbok fuq kollox,**
**kollok imħabba.**
**Mulejja, nindem għax offendejtek,**
**kollok tjieba.**
**Mulejja, inqaddes ruħi bis-sagramenti tiegħek,**
**kollok qdusija.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.


**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien Rd Paola



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq
*info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION